**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta’ Frar 2025**

Rikors Numru: 587/2024 AL

A B

Vs

C D

(M.R. Numru 566/2005)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) liema żwieġ gie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv ħames mija sitta u sittin tas-sena elfejn u hamsa (566/2005) (Ara Dok. 'A' anness):

Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal S D li twieldet fit-tmintax ta' Mejju tas- sena elfejn u erbgħa (18/05/2004) u R D li twieldet fil-wieħed u għoxrin ta' Ġunju tas- sena elfejn u sitta (21/06/2006);

Illi l-partijiet illum huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Patricia Vella Haber mill-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) (Ara Dok. B' anness);

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok. 'B', Klawsola 4), l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-konjugi *stante* li l-partijiet formalment iddikjaraw illi huma irrinunzjaw irrevokabbilment ghad-dritt tagħhom ghall-manteniment mingħand xulxin;

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok. 'B', Klawsola 6) ir-raġel obbliga ruħu li jħallas lill-mara in linea ta' manteniment għall-minuri s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) u cioe mitejn Ewro (€200), għal kull wild, kull xahar bil-quddiem;

Illi m'hemm l-ebda arrettrati ta' manteniment dovuti;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejnet il-partijiet *stante* illi ilhom minn Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) jgħixu separatament minn xulxin u għaldaqstant illum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtieġa għal-ksib tad- divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:-

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors ghad-divorzju odjern.

Illi l-esponent jikkonferma l-kontenut kollu tar-rikors promotur u jiddikjara li jaqbel mal-kontenut tieghu.

Illi di piu' jigi dikjara ukoll li l-esponent qieghed jikkonferma li mghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet kif maghmula u konsegwentement jaqbel li

dina l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi ghall-ippronunzjar tal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Illi l-esponent ghal kull buon fini qieghed ukoll jipprezenta l-affidavit tieghu anness u mmarkat bhala Dok. A, filwaqt li jiddikjara li mghandu l-ebda prova ohra x'jissottometti f'dan ir-rigward.

Daqstant ghandu l-unur jissottometti l-esponent.

Semghet lir-rikorrenti tikkonferma r-rikors guramentat taghha waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2025;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar 2025;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Ottubru 2024 u de facto separati minn Gunju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.